MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 230/2005

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali tat-18 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet:**

**United Acceptances Finance Limited**

**Vs**

**Debattista Daniela, AJ Rentals Limited u Glenn Debattista**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami presentat minn Glenn Debattista u Daniela Debattista u li bih ppremettew illi huma qed jipprevalixxu ruhhom mill-artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u qed jopponu ghall-ezekuzzjoni tal-imsemmija kambjali u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a) s-socjeta United Acceptances Finance Limited naqset li tipprezenta l-ftehim li wassal ghal hrug tal-imsemmija kambjali kif inhuwa tassativament rikjest u dan kif diversi drabi gie ritenut mill-qrati taghna (Giordmaina John vs Pace Joseph et Prim Awla per Imh. Tonio Mallia 16.1.2003).
b) l-kambjali li fuqhom giet impostata l-azzjoni ma gewx protestati skond l-ligi.
c) Li tali kambjali huma preskritti.
d) Li minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' A J Rentals Limited (C28579) ghandha wkoll tigi notifikata, qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi stante li fuq kollox il-karozza giet mixtrija minn l-istess socjeta' u mhux minnu.

Rat id-digriet Taghha precedenti moghti fit-22 ta' April 2005.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata (fol 4 sa fol 5 tal-atti) u li biha esponiet bir-rispett:

Illi fl-ewwel lok, u b'referenza ghall-ewwel raguni moghtija mir-rikorrenti sabiex tigi opposta l-ezekuzzjoni tal-kambjali, m'huwiex minnu illi il-Qorti taghna – la fis-sentenza Giordmaina vs Pace (dec 16.01.2003) u lanqas f'sentenzi ohra – qatt irritenew illi jrid jigi pprezentat l-ftehim li wassal ghal hrug tal-imsemmija kambjali, Il-kambjala, ghax hija awtonoma, fl-ebda cirkostanza ma tenhtieg illi tkun b'xi mod jew iehor ikkorraborata bil-ftehim li wassal ghal hrug taghha. Huwa biss f'dawk il-kazijiet fejn il-kambjala ikollha difett fil-forma, u allura ma tkunx enforzabbli illi tkun tista' tintuza bhala prova ta' kreditu flimkien ma' xi ftehim li jezisti bejn il-partijiet.

Illi barra minn hekk, is-sentenza fuq imsemmija – li tittratta fuq jekk il-kreditur jistghax jiffirma l-kambhala fil-mori tal-kawza, u f'liema tal-kawza, u f'liema stadju l-kambjala takkwista natura awtonoma – hija bbazzata fuq il-premessa illi *l-legislatur Malti ma ghamilx il-kambjala titolu ezekuttiv, specifikament biex il-kambjala, diment li tkun ghada fil-pussess tal-persuna favur minn inharget, ma tigix uzata bhala magna ta' estrozzjoni*. Minn dak iz-

zmien l'hawn il-legislatur ghamel emendi fil-ligi proprju sabiex il-kambjala titqies bhala titolu esekuttiv u fil-fatt hija proprju din il-procedura li qed tintuza hawnhekk. Ghal din ir-raguni wkoll lanqas li kieku din is-sentenza kienet tapplika ghac-cikorstanzi bejn l-esponenti u r-rikorrenti, il-premessi li fuqha nbniet il-motivazzjoni taghha il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, issa m'ghandhomx applikabbli.

Illi fit-tieni lok, u b'referenza ghat-tieni raguni moghtija mir-rikorrenti, huwa ben risaput illi l-protest tal-kambjala hija necessarja biss meta l-kambjala tkun giet iggirata favur terza persuna u ghalhekk hija f'dik ic-cirkostanza illi ikun necessarju illi tali terza persuna tkun trid tipprotesta l-kambjala. F'dan il-kaz il-partijiet involuti huma l-partijiet li originarjament iffirmaw il-kambjali u ghalhekk m'hemmx l-obbligu li jigu pprotestati. Dan kien gie determinat mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet Paolo Gatt vs Amabile Bartolo et (30.01.1939 – Vol. XXX.111.416): "… *id-disposizzjoni tal-ligi li timponi l-protest tal-kambjali meta din ma tithallasx fl-iskadena mhix applikabbli ghat-traent; u ghalhekk, meta l-kambjala ma hix negozjata it-traent m'ghandux bzonn jaghmel il-protest f'kaz ta' mankanza ta' pagament".* Dan il-punt kien suggett ta' diversi sentenza moghtija mill-Qrati taghna kemm antiki kif ukoll fi zmien ricenti u fihom gie ritenut li ma hemmx bzonn li tintbaghat protest fil-kaz tat-traent. Il-Qorti tal-Appell Civili (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet Ocean Way Company Limited vs L'Onda Limited et (05.12.2001) rriteniet "…*il-partijiet involuti huma l-istess partijiet li ffirmaw originarjament il-kambjali, Kwindi, is-socjeta' konvenuta kienet taf li kellha thallas lis-socjeta' attrici fid-data specifikata fil-kambjali* <u>*de quo*</u>*. Is-socjeta' konvenuta mkien ma tghid jew tallega li qatt ghamlet xi pagament li kien dovut skond dawn il-kambjali. Minflok, is-socjeta' appellanti qeghda biss tipprova tiskopri jew teksogita espedjent biex tevita l-obbligu taghha li thallas lill-kreditur dak li hu dovut lilu skond il-kambjala".* L-istess il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Antoine Vassallo vs Carmelo Azzopardi (30.11.2004): *"… gie stabilit li d-disposizzjonijiet tal-ligi li jitolbu li jsir il-protest kambjarju meta skadenza ma tithallasx ma tghoddx ghat-traenti, u n-nuqqas ta' protest ma jxejjinx id-dritt tal-istess traent*

*kontra l-accettant tal-kambjala. Din il-fehma jidher li ghada ssib appogg mill-Qrati sal-lum il-gurnata f'decizjonijiet li nghataw fl-ahhar zmienijiet, fejn instab li n-nuqqas ta' tressiq ta' protest kambjarju ma kienx ta' xkiel biex titressaq u titmexxa 'l quddiem azzjoni gudizzjarja immirata sewwasew ghall-kundanna tal-hlas tal-kambjali."* F'dan il-kaz, minn semplici ezami tal-istess kambjali wiehed malajr jistaballixxi illi l-partijiet ghadhom l-istess u ghalhekk ma hemmx il-bzonn li l-kambjali jigu pprotestati.

Illi fit-tielet lok, l-azzjoni ibbazzata fuq il-kambjala tigi preskritta bit-trapass ta' hames snin mid-data ta' meta taghlaq, u cioe' meta ikun dovut il-pagament skond l-istess kambjala'. Huwa evidenti illi f'dan il-kaz il-perjodu ta' hames snin ghadu m'ghaddiex u ghalhekk il-kambjali m'humiex preskritti kif qed jigi allegat mir-rikorrenti.

Illi fir-raba lok, il-kambjali in kwistjoni gew iffirmati minn Daniela Debattista f'isimha propju u in rapprezentanza tas-socjeta' AJ Rentals Ltd u wkoll minn Glenn Debattista bhala garanti solidali. Issa, fil-waqt illi din il-procedura tehtieg li ssir n-notifika tal-ittra ufficjali lill-parti li jkun iffirma l-kambjala sabiex tkun tista' ssir l-esekuzzjoni taghha kontra dik il-parti, pero' n-nuqqas ta' notifika ta' xi parti ma tfissirx illi l-kreditur ma jkunx jista' jesegwixxi kontra dawk il-partijiet l-ohra li fil-fatt ikunu gew notifikati, specjalment meta tezisti solidarjeta' bejn id-debituri. Ghal din ir-raguni l-esponent ma jhossx li din l-Onorabbli Qorti ghandha tistenna sakemm tigi notifikat s-socjeta' AJ Rentals Ltd sabiex tiddeciedi fuq l-oggezzjonijiet mqajjma mir-rikorrenti.

Illi fl-ahhar nett, d-disposizzjoni tal-ligi li minnha qed jirpprevalixxu ruhhom ir-rikorrent, u cioe l-artikolu 253 tal-Kap 12, tippermetti lil dik il-persuna li kontriha qed issir l-esekuzzjoni ta' kambjala sabiex toggezzjoni ghal tali esekuzzjoni minhabba illi l-firma fuq dik il-kambjala *ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex topponi dik l-esekuzzjoni.* Illi jidher car mir-ragunijet moghtija fir-rikors illi r-rikorrenti m'ghandhomx xi wahda mir-rekwiziti necessarji mill-ligi sabiex jopponu ghal din l-esekuzzjoni u

ghalhekk l-oggezzjonijiet taghhom m'ghandhomx jintlaqghu.

Illi fl-opinjoni tas-socjeta' esponenti, ir-rikorrenti qed jipprovaw juzaw l-artikolu 253 sabiex jevitaw l-obbligi assenti minnhom u ihallsu l-ammonti pretizi mill-esponenti.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jissottometti illi l-oggezzjonijiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda u ghalhekk is-socjeta' esponenti ghandha tithalla titkompla l-ezekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat waqt is-seduta tal-9 ta' Mejju 2005 kif ukoll il-kopji tal-ittra ufficjali in esami u tal-kambjalijiet in kwistjoni (fol 11 sa fol 23 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-verbal, citat hawn fuq, din il-Qorti, bi qbil bejn il-partijiet ser taghti d-decizjoni Taghha a basi tal-provi risultanti sallum kif ukoll a basi dak espost mill-partijiet fir-rikors in esami u fir-risposta tas-socjeta intimata.

Ikkunsidrat

Illi, mill-esami tal-atti, jidher illi dak kollu espost u sottomess mis-socjeta intiamta ghandu jkun accettat minn din il-Qorti kemm fuq basi legali kemm fuq il-ftit fatti li ingiebu a konjizzjoni ta' din il-Qorti waqt li dak premess fir-rikors promotur ma jistax jigi akkolt in vista li ma ingiebet ebda prova illi l-firma fuq kull kambjala ma hiex tat-traent jew ta' persuna debitament awtorizzat skond il-ligi jew illi f'dan il-kaz jissustiti ragunijiet gravi u validi sabiex tista' ssir opposizzjoni ghall-esekuzzjoni tal-istess mandati.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tichad it-talba ghall-opposizzjoni ghall-esekuzzjoni tal-kambjalijiet in esami.

Bl-ispejjes ta’ dawn il-proceduri jithallsu miz-zewg rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------